# Ġew Lura

JOSEPH SCIBERRAS

**Fil-wasla ta' għadd kbir ta' emigranti fi żjara lil art twelidhom u 'l nieshom.**

Hemm hu!... Araw fejn hu!... Qed joqrob!...
Daqt jinżel... Ma jdumx... Fi ftit ħin.
Ġa' niżżel ir-roti... ġa' tbaxxa...
Dalwaqt jibdew kollha niżlin...

Fuq ponot subgħajhom jintrefgħu
u jdellu għajnejhom mix-xemx,
u jħarsu ħarkiena u ferħana
għax żbalji did-darba ma hemmx.

Qed jinżel... Ir-roti se jmissu...
Arahom!... Ftit ieħor... missew...
Il-ġiri qed jonqos... Il-magni
qawwija ġa' għoddhom intfew.

Ġa' lomm qiegħda tgħolli lil binha.
Ġa' jleqqu bid-dmugħ xi għajnejn.
Ġa' lesti l-imkatar ħa jxejru.
Ġa' hmaru bil-ferħ il-ħaddejn.

Ġej lejna... Se jieqaf... se jieqaf...
Ir-roti u l-iskrejjen weqfin...
Arahom il-ħaddiema bl-iskala
lejn żaqqu bil-ħeffa resqin.

Sa fl-aħħar infetħet il-bieba
u niżlu bil-ħeffa t-tarġiet,
iħarsu bil-ħerqa ġol-ġemgħa
lil marthom ifittxu u 'l-ulied.

Xi nqala'? Xi saram? Għax għadhom
miżmuma lkoll f'daqqa hemm ġew?
Ħalluhom, jaħasra, ħa mmorru;
ilna għomor hawnhekk, nistennew.



Hemm huma! Bdew ħierġa ferħana.
fuq fommhom tbissima ta' serħ:
ixejru u jsellmu sa jaslu
ħdejn nieshom mitlufa bil-ferħ

"Ma!" "Ibni!" "Missieri!" u "Huti!"
"Karmenu!" "Marija!" "Uliedi!"
"Maħbuba!" "Ħanini!" "Għażiża!"...
Tal-firda t-tbatija ntesiet.

U marru fi djarhom ferħana
bit-tama f'ġejjieni sabiħ.
li jtihom il-warda msoffija
mix-xewka moħbija ġo fih.

# Ix-Xemgħa Ser Tintefa

ALFRED MASSA

Il-kamra bin-nies maħnuqa
li ġew minn kull rokna ta' Malta
biex magħna jifirħu.
Ix-xemgħa qed tnemnem
u fija tad-dlam il-biża'
qiegħed dejjem joktor.

Ix-xorb ġa tala' fl-irjus
u qed jagħmel tiegħu;
u l-maskri qed jaqgħu
waħda wara waħda,
u s-Sewwa f'xi wħud qiegħda tbeżżagħni.

Ix-xemgħa ser tintefa!
Alla tiegħi,
x'ser nagħmel jekk fid-dalma tal-lejla
minflok id ħaninti
jien nagħfas ġo tiegħi
id barranija?

Dal-ħsieb qed ikiddni.
Mulej,
nitolbok,
agħti ftit iżjed ħajja lix-xemgħa:
tħallihiex tintefa!...